MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Numru. 87/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**

**KONTRA**

**STEVE VASSALLO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Steve Vassallo ta’ 31 sena, bin Anthony u Maria Anna nee’ Vella, mwieled Pieta’ nhar il- 21 ta’ Marzu 1975, u residenti fil- fond Block H, Flat 6, Neighborhood 2, Santa Lucija , detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 162975(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fil- lejl ta’ bejn it- 12 u t- 13 ta’ Marzu 2003 fil-Fgura, ikkommetta serq ta’ flus kontanti, sigaretti u affarjiet ohra mill- Kazin tal- Partit Nazzjonalista sitwat fi Triq Hompesch, liema serq li huwa kkwalifikat bil- mezz, hin u l- valur li ma jeccedix l- elf lira (Lm1,000) sar ghad-dannu ta’ Carmelo Zarb mill- Isla u/jew persuni ohra;

2) U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tiskorri l-hamsin lira (Lm50) izda hija inqas minn hames mitt lira (Lm500) saret ghad- dannu ta’ Carmelo Zarb mill- Isla u/jew persuni ohra;

3) Fl- ahhar nett akkuzat talli sar recidiv b’zewg sentenzi moghtija mill- Qorti tal- Magistrati datati 5 ta’ Novembru 1993 u 21 ta’ Mejju 1999 u b’sentenza ohra moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali datata 17 ta’ Lulju 1998, liema sentenzi saru definittivi.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti l-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li kien l-imputat li wettaq dan ir-reat. L-aktar prova skjaccanti kontrih hija l-impronta digitali tieghu li nstabet, inspjagabbilment, fuq il-lok tad-delitt. Dan irrizulta b’mod car mir-rapport tal-espert tal-Qorti esebit fl-atti, u peress illi

l-imputat ma xehedx biex jipprova jispjega kif dik l-impronta tieghu sabet ruhha hemm, il-Qorti bil-fors trid tqis ir-reat ippruvat. It-tieni imputazzjoni huwa mezz ghall-fini tal-ewwel, u allura ghandu jkun hemm assorbiment fil-piena.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti giet infurmata li l-imputat beda program ta’ rijabilitazzjoni fuq id-dipendenza mid-droga, u l-Qorti ghalhekk thossha fid-dmir li ma ccahhadx lill-imputat minn din l-opportunita’ li jirriforma hajtu ghall-ahjar tieghu u ghall-gid tal-komunita’.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 325, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tapplika l- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 ghal tlitt (3) snin u tordna li jkompli l- programm ta’ rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga mal-Agenzija Caritas.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------